# It-Tletin Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*It-talba tal-umli tinfed is-sħab.*

Sir 35, 12-14.16-18

**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**

12Il-Mulej hu mħallef,
u ma jħarisx lejn l-uċuħ.

13Ma joqgħodx iħares lejn wiċċ dak li jkun b'dannu tal-fqir,
u jagħti widen għat-talba tal-magħkus.
14Ma jagħlaqx widnejh għat-talba bil-ħniena tal-iltim,
jew tal-armla li tibki xortiha.
16Min jaqdi mill-qalb lil Alla jintlaqa',
u t-talba tiegħu titla' m'ogħla s-sħab.

17It-talba tal-umli tinfed is-sħab,
u ma toqgħodx bi kwietha qabel tasal qrib il-Mulej,
18u ma tiqafx qabel mal-Għoli jagħti widen,
u jagħti raġun lill-ġusti u jagħmel ħaqq.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 33, 2-3.17-18.19 u 23

R/. (7a): Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu

2Kull ħin inbierek il-Mulej;
tifħiru dejjem fuq fommi.
3Bil-Mulej tiftaħar ruħi;
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu! R/.

17Il-ħarsa tal-Mulej fuq il-ħżiena,
biex jeqred minn fuq l-art tifkirithom.
18Jgħajtu l-ġusti għall-għajnuna, u l-Mulej jismagħhom;
mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom. R/.

19Qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma,
jgħin lil dawk b'ruħhom mifnija.
23Jifdi l-Mulej il-ħajja tal-qaddejja tiegħu;
kull min jistkenn fih ma jkollux xi jpatti. R/.





## Qari II

***Hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja.***

2 Tim 4, 6-8. 16-18

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, 6demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi
wasal. 7Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi.
8Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha
f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma
wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu.

16Fl-ewwel difiża tiegħi ħadd ma kien miegħi; kulħadd ħallieni. Jalla
ma jkunx magħdud kontrihom! 17Imma l-Mulej waqaf miegħi u tani
l-qawwa biex bis-saħħa tiegħi l-kelma tixxandar sal-aħħar u l-ġnus
kollha jisimgħuha. Hekk jien sfajt meħlus minn ħalq l-iljun.

18Il-Mulej jeħlisni minn kull deni u jħarisni, sa ma nasal fis-saltna
tiegħu tas-sema. Glorja lilu għal dejjem ta' dejjem! Ammen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Kor 5, 19

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla kien li ħabeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu,
u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Il-pubblikan niżel id-dar iġġustifikat.***

Lq 18, 9-14

## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, [9]kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom
li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din
il-parabbola:

[10]«Żewġt irġiel, wieħed fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-tempju
biex jitolbu. [11]Il-fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu: "O Alla, niżżik
ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew
ukoll bħal dan il-pubblikan. [12]Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u
nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal."

[13]Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh
lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: "O Alla, ħenn
għalija, għax jien midneb!"

[14]Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat.
Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu